# Stqarrija

## Iż-żona ta' lqugħ tas-Simar tinbidel fi spazju naturali u aċċessibbli għall-komunità

Iż-żona ta' lqugħ li għal snin twal kienet mitluqa ħdejn ir-Riżerva Naturali tas-Simar issa nbidlet fi spazju naturali ġdid għall-pubbliku. Is-sit ta' 3,200 metru kwadru, li dejjem kien parti mir-riżerva iżda kien spiss affettwat minn rimi illegali minkejja l-ġbir tal-iskart fost sforzi oħra spissi ta' tindif minn BirdLife Malta, issa joffri ħabitati restawrati u aċċess sigur għall-viżitaturi.

Il-Head of Land Management ta' BirdLife Malta, Mark Gauci, qal li dan huwa eżempju ċar tal-missjoni ta' BirdLife Malta li taħdem favur il-ġid tan-natura u tan-nies. "L-idea ta' BirdLife Malta hi li dan il-post ikun miftuħ kuljum minn filgħodu sa filgħaxija. Bħal fir-riservi naturali tagħna, id-dħul dejjem b'xejn, imma huwa post fejn wieħed jista' jiġi u jqatta' ftit ħin, jirrilassa qalb in-natura. Kif tistgħu taraw din hija riserva naturali, mhux ġnien – ambjent differenti fejn in-natura tieħu aktar prijorità."

Il-Perit Benjamin Vassallo, Head Project Design ta' Project Green, qal li b'kollaborazzjoni ma' BirdLife Malta ġew rispettati l-liġijiet relatati man-Natura 2000 u l-ekosistema ta' din iż-żona. "Irridu nirrispettaw li dan mhux park imma parti mir-riżerva naturali, fejn wieħed jista' jara ammont ta' ħaxix differenti li f'dan il-kuntest mhux meqjus bħala ħaxix ħażin, kif jistgħu jaħsbu xi wħud, iżda jgħin biex jgħin u jirrestawra l-ekosistema li teżisti f'din ir-riżerva naturali."

Fl-2022 BirdLife Malta applikat għall-fondi taħt il-Community Greening Grant Scheme ta' Project Green. L-Unjoni Ewropea ffinanzjat 75% tal-ispejjeż, filwaqt li l-Gvern Malti kopra l-bqija.

Iż-żona ta' lqugħ irrestawrata ġiet inawgurata fil-preżenza tal-Ministru għall-Ambjent Miriam Dalli u tal-Ministru għall-Fondi Ewropej Stefan Zrinzo Azzopardi, flimkien ma' Project Green, rappreżentanti tal-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar u BirdLife Malta.

**Minn sit ta’ rimi illegali għal ħabitat restawrat**

Project Green b’kollaborazzjoni ma’ BirdLife Malta, iddisinjaw iż-żona b’mod li jirrispetta l-valur ekoloġiku tagħha, filwaqt li tejjeb is-sigurtà u l-aċċessibbiltà. Inħolqu mogħdijiet ġodda, ġew installati bankijiet tal-pikniks u tqiegħdu pannelli ta’ informazzjoni. Tħawlu siġar indiġeni, ġew restawrati ħabitati, saret sistema ta’ irrigazzjoni sostenibbli u nħolqot għadira ta’ ilma salmastru li tirrifletti l-ekosistema tas-Simar. Ma ġiex stallat dawl biex f’din iż-żona jkun rispettat ir-ritmu tan-natura hekk kif ħafna ħlejjaq jistrieħu mal-lejl u b’hekk jiġu protetti wkoll diversi speċi sensittivi.

Miżuri ta’ sigurtà jinkludu sistemi ta’ CCTV, ħitan, gradi u miżuri kontra n-nirien biex jonqos ir-riskju ta’ rimi illegali. L-aċċessibbiltà tijiebet biex kulħadd ikun jista’ jgawdi l-ispazju fosthom aktar minn 700 resident li jgħixu sa 10 minuti mixi ‘l bogħod.

**Bilanċ bejn in-nies u l-bijodiversità**

Il-Ministru Miriam Dalli qalet li dan il-proġett juri kif spazji mitluqa jistgħu jinbidlu f’żoni ta’ valur ambjentali u soċjali. "B’kollaborazzjoni bejn Project Green u BirdLife Malta, biex żona li qiegħd eżatt ħdejn ir-riserva naturali ts-Simar, li kienet mitluqa u li sfortunatament kienet spiċċat tattira rimi illegali issa illum il-ġurnata nbiddlet, ġiet irrestawrata u hija spazju miftuħ għal dawk kollha li jżuru dawn l-akwati."

Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi enfasizza li fondi Ewropej qed jappoġġjaw investimenti li jsaħħu l-ambjent naturali u jżidu spazji miftuħa aċċessibbli. "B’investiment ta’ fondi Ewropej tlesta dan il-proġett ta’ spazju miftuħ fis-Simar fix-Xemxija. Dan huwa parti minn sensiela ta’ proġetti li qegħdin isiru permezz ta’ fondi Ewropej flimkien ma’ Project Green, biex ikollna aktar spazji miftuħa f’pajjiżna. Dn il-post se jkun qed jitgawda minn tant persuni u huwa mezz kif wieħed iżomm eqeb lejn in-natura kif ukoll dan il-post se jkunu qed jieħdu ħsiebu BirdLife."

BirdLife Malta tmexxi r-Riserva Naturali tas-Simar, sit rikonoxxut internazzjonalment taħt il-Konvenzjoni Ramsar. Dan il-proġett kompla jsaħħaħ il-valur tar-Riserva li huwa sit protett fin-network Natura 2000. Biż-żona ta’ lqugħ restawrata, il-pubbliku issa jista’ jgawdi spazju naturali ġdid filwaqt li jitgħallem aktar dwar l-importanza ekoloġika taż-żona.

**TMIEM**